**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 10 ta' Jannar, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Rodiana Caruana**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Rodiana Caruana detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 343595M, akkuzata talli fl-14 ta' Mejju 2017, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. B’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’ qerq iehor, ingann, jew billi weriet haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ mhux aktar minn hames mitt ewro (€500), ghad-detriment ta’ vittma Roselyn Finochiaro karta tal-identita numru 0576584M u/jew HSBC plc;
2. B’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’ qerq iehor, ingann, jew billi weriet haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ mhux aktar minn hames mitt ewro (€500), ghad-detriment tal-kumpanija maypole Limited u/jew id-diretturi tal-istess kumpanija, u/jew persuna/i ohrajn, Bank HSBC plc u/jew id-diretturi tal-istess kumpanija, u/jew persuna/i ohrajn, u/jew ukoll ghad-detriment ta’ stabbiliment B’Bake u/jew id-diretturi tal-istess kumpanija. u/jew persuna/i ohrajn;
3. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura Kummercjali jew ta’ bank privat, b’ falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi;
4. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn dokumenti foloz;

5. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kellha fil-pussess taghha xi haga li kienet taf li kienet misruqa jew mehuda b' qerq jew akkwistata b' reat naqset milli tgharraf lill-Pulizija b' dan il-fatt fi zmien gimgha minn meta saret taf.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna lill-akkuzata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur ddikjarat illi t-tielet (3) u r-raba' (4) mputazzjoni nghatat bhala altrernattiva ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) mputazzjoni.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2020 ghall-ewwel (1), ghat-tieni (2) u ghall-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandha fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li kkoperat fl-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 334A, 308, 309, 310(1)(a), tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap. 446 tpoggi lil imputata taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta sentejn (2) millum. Stante li t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni li taghhom l-imputata instabet hatja l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**